MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tal-11 ta' April, 2011

Citazzjoni Numru. 162/2007

**Id-Direttur, Qrati Civili u Tribunali**

***kontra***

**Joseph Tonna**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors mahluf prezentat fl-14 ta` Frar 2007 li jaqra hekk –

*(i) Illi permezz ta` digriet ta` din l-Onorabbli Qorti tal-11 ta` Lulju 2005 moghti fil-kawza fl-ismijiet `Sharon Tonna vs Joseph Tonna` (Citazzjoni Numru 152/2005 JA) l-intimat gie ordnat ihallas kull spiza medika li jinkorru t-tfal*

*tal-kontendenti (kopja legali hawn annessa u markata Dokument AA) ;*

*(ii) Illi permezz ta` digriet iehor ta` din l-Onorabbli Qorti moghti fl-istess kawza fit-23 ta` Awissu 2005 l-intimat gie ordnat ukoll ihallas nofs l-ispejjez edukattivi tal-minuri wliedhom (kopja legali ta` liema qed tigi hawn annessa u markata Dokument AB) ;*

*(iii) Illi l-istess intimat baqa` jirrifjuta li jeffettwa l-hlas kif ordnat minn din l-Onorabbli Qorti ;*

*(iv) Illi permezz ta` rikors ipprezentat fid-9 ta` Dicembru 2005 l-imsemmija Sharon Tonna gabet ghal konjizzjoni ta` dina l-Onorabbli Qorti dana kollu u talbet li din l-Onorabbli Qorti tordna li jnbdew kontra l-intimat Joseph Tonna proceduri ghal disprezz lejn l-awtorita` taghha ai termini tat-Titolu XVII tat-Tielet Ktieb tal-Kapitolu 12 (kopja legali ta` liema qed tigi hawn annessa u markata Dokument AC) ;*

*(v) Illi b`digriet tat-2 ta` Awissu 2006 din l-Onorabbli Qorti laqghet it-talbna tal-attrici (Dokument AD) ;*

*(vi) Illi ghalhekk qeghda ssir din il-kawza.*

*Ghaldaqstant ghar-ragunijiet premessi l-attur qieghed jitlob lil din l-Onorabbli Qoprti sabiex :*

*1. Issib lill-intimat Joseph Tonna hati ta` disprezz ghall-awtorita` taghha fit-termini tat-Titolu XVII tat-Tielet Ktieb tal-Kapitolu 12 ; u*

*2. Konsegwentement tikkundanna lill-istess intimat Joseph Tonna ghall-pieni preskritti mil-ligi fl-istess Titolu XVII fuq imsemmi.*

*Bl-ispejjez kontra l-intimat li minn issa huwa ngunt in subizzjoni u bit-twissija li jekk ma jidhirx huwa jista` jigi mgieghel biex iwiegeb ghall-akkuza bil-mezz ta` mandat ta` skorta jew ta` arrest.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-attur u l-elenku tad-dokumenti esebiti.

Rat ir-risposta mahlufa prezentata fit-<u>2 ta` April 2007</u> li taqra hekk –

*1) Illi in linea preliminari huwa eccepit illi dina l-Onorabbli Qorti ma hiex kompetenti sabiex tiehu konjizzjoni tal-proceduri odjerni billi l-Qorti allegatament oltreggjata hija l-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja).*

*2) Illi fit-tieni lok jigi rilevat illi l-eccipjent gja tressaq l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati akkuzat talli ma hallasx appuntu l-ispejjez illi fil-prezenti proceduri qieghed jigi allegat illi ma gewx imhallsin minnu u gie liberat mill-akkuzi hekk migjuba kontra tieghu. Billi skond il-gurisprudenza fil-materja, il-proceduri dwar disprezz lejn l-Awtorita` tal-Qorti huma ta` indoli kriminali, l-esponent qieghed jigi espost ghal proceduri kriminali dwar l-istess akkadut ghat-tieni darba bi ksur tad-drittijiet kostituzzjonali tieghu.*

*3) Illi l-ordnijiet tal-Onorabbli Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) dwar il-hlas tal-ispejjez tat-tfal u b`mod partikolari l-ordni tal-11 ta` Lulju 2005 (dwar hlas ta` spejjes medici) qeghdin jigu meqjusa mill-imsemmija Sharon Tonna (u implicitament mill-attur odjern) bhala li*

*jimponu fuq l-eccipjent l-obbligu illi jirrimborza lill-imsemmija Sharon Tonna l-ispejjez medici inkorsi minnha ghall-htigijiet tat-tfal minuri tal-kontendenti. Jekk dan ir-ragonament huwa korrett – u l-eccipjent jirritjeni u qieghed jeccepixxi illi ma huwiex – is-segwenti huwa eccepit :*

*i) L-obbligu ta` hlas ossija rifuzjoni lill-imsemmija Sharon Tonna jista` jigi ezegwit mill-imsemmija Sharon Tonna bil-mezzi mahsuba bil-ligi b`mod illi skond il-gurisprudenza in materja id-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 12 dwar id-disprezz ma japplikawx u ma jghoddux bhala alternattiva ghall-mezzi ohra mahsuba mil-ligi ghall-ezekuzzjoni tal-ordnijiet tal-Qorti.*

*ii) L-eccipjent jibqa` intitolat jikkontrolla b`mod ragonevoli jekk l-ispejjez illi r-rimborz taghhom jigi reklamat minn martu gewx effettivament inkorsi minnha ghall-htigijiet tal-minuri. L-eccipjent jirrileva illi l-imsemmija Sharon Tonna irrezistiet kull tentattiv tal-eccipjent biex l-ispejjez reklamati jigu kkontrollati minnu. Di piu` kien car ghall-eccipjent illi bosta mill-ispejjez medici reklamati minn martu ma setghu qatt gew inkorsi ghall-htigijiet ta` wliedu.*

*iii) F`dawn il-proceduri, l-oneru tal-prova illi l-ispejjez reklamati minn Sharon Tonna gew minnha nkorsi ghall-htigijiet tal-minuri jghabbi lill-attur.*

*4) Illi d-digriet tal-istess Onorabbli Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) tat-23 ta` Awissu 2005 ma ordnatx lill-eccipjent ihallas nofs l-ispejjez tal-edukazzjoni tat-tfal minuri.*

*5) Illi f`kull kaz l-eccipjent hallas l-ispejjez kollha tal-edukazzjoni tat-tfal (u allura mhux in-nofs) ghall-perijodu rilevanti ghal dawn il-proceduri u cioe` il-perijodu*

*bejn id-data tal-ordni (23 ta` Awissu 2005) u d-data tat-talba ta` mart l-eccipjent Sharon Tonna sabiex jigu mehuda dawn il-proceduri (9 ta` Dicembru 2005).*

*6) Illi l-ordnijiet dwar hlas ta` spejjez medici u edukattivi ma mponew ebda terminu ta` hlas u ghalhekk aktar milli kreativi ta` obbligi ta` hlas ghandhom jitqiesu bhala direzzjoni tal-Qorti dwar min mill-konjugi ghandu jhallas dawn il-kontijiet – l-eccipjent jew martu mill-manteniment versat lilha.*

*7) Illi ghandu jirrizulta mill-provi illi l-imsemmija Sharon Tonna qieset illi l-ordni tal-Qorti tal-11 ta` Lulju 2005 (dwar hlas ta` spejjes medici) kienet timponi obbligu fuq l-eccipjent illi jirrimborzaha ghal kull ricevuta illi tipprezenta lilu jekk dik ir-ricevuta tkun mahruga minn spizerija. Fil-fatt id-digriet ma ordax ir-rimbors izda l-hlas dirett. Jsegwi illi n-nuqqas ta` rimbors ma jikkostitwix ksur ta` dan id-digriet u wisq anqas disprezz lejn l-Awtorita` tal-Qorti.*

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenut u l-lista tal-persuni li ndika bhala xhieda.

Rat li quddiem din il-Qorti diversament presjeduta kienet trattata l-ewwel l-eccezzjoni preliminari tal-kompetenza tal-Qorti u cioe` l-ewwel eccezzjoni.

Rat is-sentenza ta` din il-Qorti diversament presjeduta tad-29 ta` Ottubru 2007 fejn, ghar-ragunijiet hemm moghtija, cahdet dik l-eccezzjoni preliminari bl-ispejjez kontra l-konvenut.

Rat li meta l-kawza kienet waslet fil-gbir tal-provi fil-mertu, il-konvenut oggezzjona quddiem din il-Qorti diversament presjeduta ghall-produzzjoni ta` Sharon Tonna bhala xhud imressqa mill-attur minhabba l-implikazzjonijiet kriminali tal-kaz li jeskludu li xhud tixhed

kontra zewgha skond id-disposizzjonijiet tal-Kodici Kriminali. It-twegiba tal-attur kienet li dik l-oggezzjoni ma kellhiex tkun akkolta billi dawn il-proceduri huma ghal disprezz lejn l-Awtorita` tal-Qorti.

Rat id-digriet ta` din il-Qorti diversament presjeduta tat-3 ta` Ottubru 2008 fejn, ghar-ragunijiet hemm moghtija, ma laqghetx l-oggezzjoni tal-konvenut, bl-ispejjez kontra tieghu, u pprovdiet li Sharon Tonna tista` titressaq bhala xhud.

Rat li l-attur ressaq u ghalaq il-provi tieghu fl-udjenza tat-23 ta` Novembru 2009 fejn xehdet Sharon Tonna.

Rat li l-konvenut ressaq il-provi tieghu fl-udjenzi tal-1 ta` Frar 2010 u tad-29 ta` April 2010, fejn xehdu (u ressqu dokumenti) Sandro Galea u l-konvenut. Fl-udjenza tal-ahhar, il-konvenut ghalaq il-provi tieghu.

Rat li fl-udjenza tas-26 ta` Ottubru 2010 sar il-kontroezami tal-konvenut.

Semghet is-sottomissjonijiet finali tad-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tas-6 ta` Dicembru 2010. Is-sottomissjonijiet li kienu bil-fomm kienu registrati bit-tape u traskritti.

Rat id-digriet taghha moghti fl-udjenza tas-6 ta` Dicembru 2010 fejn halliet il-kawza ghas-sentenza.

Rat l-atti tal-kawza.

**Ikkunsidrat :**

Sharon Tonna u zewgha l-konvenut ghaddejjin minn proceduri gudizzjarji ta` separazzjoni personali u ghandhom zewgt itfal minuri.

Id-digriet tal-11 ta` Lulju 2005 moghti mill-Qorti Civili (Sezzjoni Tal-Familja) fil-kawza ta` bejniethom u cioe` '*Sharon Tonna vs Joseph Tonna*' *(Cit. Nru. 152/2005/JA)* (fol 9) jaqra hekk –

… *tordna lill-intimat ihallas kull spiza medika li jinkorru t-tfal tal-kontendenti.*

Id-digriet tat-23 ta` Awissu 2005 (fol 16) moghti mill-istess Qorti fl-istess kawza jaqra hekk –

… *tiddikjara li n-nofs ta` l-ispejjez edukattivi mhumiex inkluzi fis-somma indikata bhala hlas ta` manteniment.*

Ir-rikors ta` Sharon Tonna fejn talbet sabiex jinbdew proceduri ta` disprezz tal-Qorti kontra l-konvenut sar fid-9 ta` Dicembru 2005.

Id-digriet li permezz tieghu il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) laqghet it-talba ta` Sharon Tonna sabiex jibdew il-proceduri tal-lum inghata fit-2 ta` Awissu 2006 (fol 22).

Din il-Qorti tghid mill-ewwel li z-zmien rilevanti ghall-accertamenti li trid taghmel fil-kawza tal-lum ghalkemm jibda minn dati differenti ghar-rigward tal-hlas tal-ispejjez medici u ghar-rigward tal-ispejjez edukattivi jintemm f`data komuni ghat-tnejn u cioe` id-9 ta` Dicembru 2005 li kienet id-data meta Sharon Tonna allegat li zewgha l-konvenut irrenda ruhu hati ta` disprezz lejn l-awtorita` tal-Qorti. Il-grajjiet li sehhew mid-data ta` l-presentata tar-rikors sad-

data li fiha inghata d-digriet u cioe` it-2 ta` Awissu 2006 johorgu barra mill-ezami li din il-Qorti trid taghmel ghall-fini ta` din il-kawza..

Qabel jigu trattati l-punti ta` dritt sollevati mill-konvenut fejn jikkontesta l-applikazzjoni tal-procedura ta` disprezz ai termini tat-Titolu XVII tat-Tielet Ktieb tal-Kap.12 fil-konfront tieghu, din il-Qorti sejra tistabilixxi l-ewwel il-fatti u cioe` -

(a) jekk huwiex pruvat li l-konvenut naqas milli jhallas l-ispejjez medici tat-tfal ghaz-zmien ta` bejn fil-11 ta` Lulju 2005 u d-9 ta` Dicembru 2005 ;

u

(b) jekk huwiex pruvat li l-konvenut ma hallasx nofs l-ispejjez edukattivi tat-tfal ghaz-zmien ta` bejn it-23 ta` Awissu 2005 u d-9 ta` Dicembru 2005.

Fin-nota esebita a fol 20 li Sharon Tonna kienet ipprezentat fil-5 ta` Gunju 2006 fil-Qorti Civili (Sezzjoni Tal-Familja), hija tghid b`riferenza ghall-perijodu indikat li in kwantu ghall-ispejjez medici l-konvenut ma hallasx total ta` Lm207.81c u cioe` €484.06 waqt li b`riferenza ghall-perijodu l-iehor indikat, in kwantu ghall-ispejjez edukattivi l-konvenut ma hallasx Lm241.72c u cioe` €563.05.

Fid-dikjarazzjoni guramentata tieghu a fol 29-30, il-konvenut jichad li ma hallasx l-ispejjez tal-edukazzjoni tat-tfal. Anzi jsostni li ghall-perijodu in kwistjoni huwa hallas l-ispejjez fl-intier taghhom mhux in-nofs. In kwantu ghall-ispejjez medici (ara r-raba` paragrafu), huwa *ndirettament* jaccetta li ma hallashomx ghax jikkontesta *inter alia* li l-ispejjez pretizi minn martu intefqu ghall-beneficcju tat-tfal.

In ezami, Sharon Tonna xehdet quddiem din il-Qorti kif presjeduta fl-udjenza tat-23 ta` Novembru 2009 (fol 79

sa 85). Hija tixhed li sa dakinhar il-konvenut la hallas l-ispejjez medici u lanqas l-ispejjez tal-edukazzjoni tat-tfal nonostante dak li jghidu z-zewg digrieti. Tghid li kienet tibghatlu r-ricevuti tal-infieq taghha b`ittra registrata izda qatt ma hallas.

In kontroezami, Sharon Tonna xehdet li sa dakinhar il-mizati tal-iskola kienu mhallsin kollha pero` t-tfal ghamlu erba` xhur ma jmorru skola ghax missierhom ma kienx hallas il-mizati. Dwar l-ispejjez tat-trasport, hija xehdet li dawn kellha thallashom hi, izda in segwitu waqt l-udjenza tas-7 ta` Lulju 2009 tal-kawza tas-separazzjoni, l-Imhallef sedenti kien irrakkomanda li l-konvenut sabiex ihallas dawk l-ispejjes hu. Pero` ma kien hemm l-ebda digriet b`ordni f`dak is-sens. Il-konvenut baqa` ma hallasx dawn l-ispejjez tat-trasport. Tghid li dawn l-ispejjez kienu minn dejjem inkluzi mal-ispejjez tal-edukazzjoni tat-tfal. Sabiex it-tfal ikunu jistghu jmorru l-iskola, bieghet karozza u dghajsa u hallset l-ispejjez hi. L-ispejjez tat-trasport kellha thallashom hi izda bil-manteniment li tircievi minghand il-konvenut ma tistax thallashom. Kien hemm perijodu ta` tlitt gimghat fejn it-tfal ma marrux skola ghaliex l-ispejjez tat-trasport baqghu ma thallsux. Pero` qalet ukoll li t-tfal kienu qeghdin jattendu l-iskola ghaliex il-konvenut hallas it-*tuition fees* ghalkemm l-ispejjez tat-trasport mhumiex ihallsin.

Sandro Galea, School Administrator ta` San Andrea School, fejn jattendu wlied il-konjugi Tonna, xehed fl-udjenza tal-1 ta` Frar 2010 li l-mizati tat-tfal kien mhallsin kollha. Kien hemm zmien fejn kienet thallas Sharon Tonna u fl-ahhar sentejn kien qed ihallas il-konvenut. In kwantu ghall-ispejjez tat-trasport, ma hemmx imhallsa l-ispejjez relattivi ghas-sena skolastika 2008-2009 fl-ammont ta` €945.42. Kemm ilhom separati l-konjugi Tonna, huwa jibghat l-istess kont lit-tnejn.

Il-konvenut xehed fl-udjenza tad-29 ta` April 2010. Fost id-dokumenti li ressaq, hemm Dok ST5 a fol 108 li

huwa l-verbal tal-udjenza tal-kawza tas-separazzjoni tas-26 ta` Mejju 2006 fejn jinghad *inter alia* li *l-partijiet jaqblu li sal-lum il-fees tal-iskola huma kollha mhallsin.*

Il-konvenut xehed l-ewwel dwar il-kwistjoni tal-mizati u t-trasport tat-tfal.

Il-konvenut xehed li wara b`digriet tal-Qorti kien ordnat ihallas manteniment ta` Lm500 fix-xahar lil martu, ma kienx car jekk il-mizati tal-iskola tat-tfal kienux inkluzi f`dak l-ammont. Ghalhekk id-digriet kien varjat fis-sens li hu jhallas nofs il-mizati u l-manteniment jinzel ghal Lm475 fix-xahar. In segwitu, kien hemm varjazzjoni ulterjuri fis-sens li l-mizati jhallashom kollha hu bil-manteniment jibqa` Lm475 fix-xahar. Kienu lahqu akkumulaw arretrati ta` mizati u hallas parti minnhom fl-20 ta` April 2006 bil-*cash surrender value* ta` polza ta` assikurazzjoni li sarraf ghal dak l-iskop. In segwitu kellu diffikultajiet finanzjarji effett tas-separazzjoni u tal-problemi u l-battibekki li nqalghu mal-mara tieghu. Inbieghet vettura Maruti Jeep biex jithallsu l-mizati. Sar l-istess fil-kaz ta` *fishing boat* izda dwar din inqalghu diversi problemi. Ir-rikavat tal-bejgh tad-dghajsa kien Lm5000. Il-flus marru ghand l-avukat tal-mara tieghu li minnhom bdiet thallas l-ispejjez tal-iskejjel bil-kunsens tieghu. U l-hlas sar. Fid-9 ta` Lulju 2009, il-manteniment allokat ghall-mara tieghu nizel minn €640 ghal €100 fix-xahar. Il-manteniment tat-tfal baqa` nvarjat. Ridott il-manteniment tal-mara, ma kellux aktar problemi biex ihallas l-mizati tat-tfal. B`effett mid-9 ta` Lulju 2009, l-ispejjez tat-trasport u tal-mizati tat-tfal gew a kariku tieghu biss pero` l-arretrati tat-trasport qabel dik id-data baqghu a kariku tal-mara tieghu. Pero` spicca hallashom hu wkoll. Ma kienx pendenzi ta` hlasijiet tal-iskejjel tat-tfal.

Imbaghad xehed dwar l-ispejjez medici. Huwa xehed li huwa tabib tal-familja u jahdem l-Isla. Sa ma telaq mid-dar taz-zwieg erba` snin qabel, huwa kien jiehu hsieb il-kura medika tat-tfal. Bieb ma` bieb tal-klinika

tieghu hemm spizerija San Filippo Pharmacy propjeta` tieghu. Huwa kien jiehu hsieb il-bzonnijiet fejn jidhlu l-medicini. Wara l-firda de facto, id-drabi kollha li t-tfal kienu jkunu mieghu huma kien jiehu hsieb il-bzonnijiet taghhom inkluz il-medicini. Kien ilu tmien xhur ma jara t-tfal. Martu kien ilha sentejn tlieta ma taghmel *claims* ghal spejjez medici. Huwa ta r-ragunijiet tieghu ghala ma hallasx il-claims tal-mara tieghu. Ma kenitx tibghat ricetti tat-tabib u l-kwalita` tal-medicini kienet teskludi li kienet intiza ghat-tfal. Il-mara ma kellhiex tiehu t-tfal ghand tabib iehor izda ghandu ghax kien kompetenti bizzejjed biex jaghtihom kura. Inoltre seta` jipprokura l-medicini hu bla hlas. Kemm hu kif ukoll it-tfal joqghodu x-Xghajra ghalkemm f`postijiet separati. Hekk kien ukoll fl-2005.

Fil-kontroezami, li sar fl-udjenza tas-26 ta` Ottubru 2010, il-konvenut ikkonferma li relattivament ghaz-zmien in kwistjoni, li ghalih tirreferi din il-kawza, huwa ma kienx hallas nofs l-ispejjez edukattivi tat-tfal skond id-digriet in kwistjoni ghaliex kellu manteniment qawwi xi jhallas u kellu wkoll spejjez ohra x'ihallas.

**Ikkunsidrat :**

Fis-sottomissjonijiet finali tieghu, id-difensur tal-attur illimita ruhu ghall-hlas tal-mizati, u jirreferi ghall-ammissjoni tal-konvenut meta accetta li fiz-zmien in kwistjoni, huwa ma kienx effettwa l-hlas ta` nofs l-ispejjez edukattivi tat-tfal. Il-fatt li s-sitwazzjoni llum giet regolarizzata ma thassarx id-disprezz li twettaq mill-konvenut lejn l-awtorita` tal-Qorti meta ma obdiex l-ordni taghha. Se mai tista` teffettwa l-piena.

Anke fis-sottomissjonijiet finali tieghu, id-difensur tal-konvenut illimita ruhu ghall-kwistjoni tal-hlas tal-mizati. U sostna li kien messhom qatt ittiehdu l-proceduri tal-lum ghaliex fl-udjenza tas-26 ta` Mejju 2006 (fol 108) sar verbal fejn il-partijiet qablu li l-mizati tal-iskola tat-tfal

huma kollha mhallsin.  Fi kwalunkwe kaz meta persuna taqa` lura fil-kontijiet dak ma jfissirx li tkun qeghda taghmel b`disprezz lejn l-awtorita` tal-Qorti.  Prova ta` dan huwa propju li l-kontijiet fil-fatt thallsu.  Mela meta l-konvenut fil-kontroezami xehed li l-kontijiet ma kienux thallsu, huwa fil-fatt kien zbaljat ghaliex fir-realta` kienu thallsu kif irrizulta mill-verbal tal-udjenza tas-26 ta` Mejju 2006 fuq citat.

**Ikkunsidrat :**

Fis-sentenza **"Bonello vs Onor. Prim Ministru et"** deciza mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Frar 1997 inghad li *l-istitut li jirrigwarda r-rispett li ghandu jingieb lill-Qorti (Titolu XVII tal-Kap.12) hu ta' natura penali u hu mahsub biex jassigura l-buon ordni u d-dekor fil-kondotta tal-procedura.  Hu istitut li jimponi sanzjonijiet u pieni fuq min jonqos mir-rispett lejn l-Awtorita' tal-Qorti.*

Wahda mill-poteri ewlenin ta' kull Qorti hija dik li taghti ordnijiet.  Il-ksur ta' kull ordni jikkostitwixxi disprezz lejn l-awtorita' li bis-sahha taghha tkun inghatat dik l-ordni (**C.J. Miller –** ***Contempt of Court*** – 2nd Edition 1990 – 25-29).  L-interess socjali u l-buon ordni pubbliku jesigu li l-ordnijiet tal-Qorti jigu obduti u jigu kontrarjati u puniti l-infrazzjonijiet ghal dawk l-ordnijiet (**Vol.XXIX.II.1023 ; "Camilleri noe vs Vella"** – Qorti tal-Appell – 7 ta' Ottubru 1997).

Ikompli jghid l-awtur **C.J. Miller** -

*One general point must be emphasised with respect to such positive or mandatory orders. That is that the power to commit for contempt will be used only in an extreme case and where it is necessary to make the order effective …*
*Civil contempt of Court exists thereof to provide the ultimate sanction against a person who refuses to comply*

*with the order of a properly constituted Court ... but as Lord Diplock has recognised there is also an element of public policy in punishing civil contempt, since the administration of justice would be undermined if the order of any Court of Law could be disregarded with impunity.*

Fis-sentenza tieghu fil-kawza ***In Re Bramblevale Limited*** (1970) Lord Denning ikompli jfisser u jkompli jinkwadra n-natura tal-istitut hekk –

*This kind of contempt has the characteristics which are common to all contempts of court.* ***It is a criminal offence. It must be proved beyond reasonable doubt.*** (enfasi ta' din il-Qorti).

[ara wkoll s-sentenza ta` din il-Qorti diversament presjeduta – PA/JRM – fil-kawza **"Registratur tal-Qrati Superjuri vs Giordmaina"** deciza fil-25 ta` Settembru 2003]

U tibqa' ta' **dik** ix-xorta anke jekk jiehu sura ta' procediment civili bhal fil-kaz in ezami (**Vol.LXXV.II.526**).

Ghalhekk l-akkuza ta' disprezz iggib maghha l-htiega li ssir il-prova minn min qed iressaq l-akkuza li l-persuna akkuzata riedet tisfida lill-Qorti u l-awtorita' taghha (PA/RCP – 12 ta' Dicembru 2001 – **"Registratur tal-Qrati Superjuri vs Mizzi"** u **"Registratur tal-Qrati Superjuri vs Giordmaina"** op. cit.).

**Il-prova tal-element intenzjonali hija vitali u tikkostitwixxi l-agir tad-disprezz b'mod li minghajru ma jsir l-ebda disprezz (Vol.LXVII.II.7)**

Wahda mis-setghat ewlenin ta' kull Qorti hija li taghti ordnijiet lil xi hadd, kemm jekk biex il-persuna taghmel xi haga jew biex dik il-persuna ma taghmilx xi haga. Izda l-

intenzjoni ma tiddependix minn jekk il-persuna akkuzata tqisx l-ordni moghti lilha bhala korrett jew le. Kif intqal fis-sentenza fuq citata "**Registratur tal-Qrati Superjuri vs Giordmaina**" - *xilja ta' disprezz iggib maghha l-htiega li tigi ippruvata, minn min qieghed jixli li l-fehma tal-persuna mixlija hi li tisfida l-ordni tal-Qorti, anki jekk hu rrilevanti jekk il-persuna mixlija tqis l-ordni moghtija bhala wiehed korrett jew le u din il-Qorti zzid li tali xilja ta' disprezz u konsegwenti kundanna timxi 'l quddiem meta jintwera li hi necessarja biex l-ordni jigi effettwat.*

Ghalhekk is-siwi ta' dik l-ordni sakemm ma jithassarx b'ordni ohra tal-Qorti nnfisha jew ta' Qorti ohra huwa raguni oggettiva li torbot lill-konvenut li joqghod ghaliha, jaqbel jew ma jaqbilx maghha. Hekk stabbilew il-Qrati taghna, ukoll fejn wara rrizulta li l-ordni tal-Qorti kien null u bla effett – (Appell Civili – 7 ta' Ottubru 1997 – **"Camilleri noe vs Vella")**.

Ghalhekk il-procediment tad-disprezz huwa sanzjoni kontra min ikun gab b'idejh u b'ghemilu jew bl-omissjoni tieghu skond il-kaz ksur ta' ordni moghtija lilu. L-attur f'kawza ta` din ix-xorta qieghed huwa nnifsu jesegwixxi ordni moghtija lilu minn Qorti kompetenti biex jibda dawn il-proceduri. L-attur odjern m'ghandux x'jirbah xejn b`tali proceduri ghajr li jizgura li tkun imharsa l-amministrazzjoni tajba tal-gustizzja **(Vol.LXXIV.III.546)**

**Ikkunsidrat –**

Tnejn huma l-ordnijiet tal-Qorti Civili (Sezzjoni Tal-Familja) li fil-procedura tal-lum qieghed jigi allegat li l-konvenut kiser u allura qieghed jigi allegat li rrenda ruhu hati ta` disprezz lejn l-awtorita` tal-Qorti skond l-Art.997 tal-Kap.12. L-ewwel ordni kienet dik tal-11 ta` Lulju 2005 fejn il-konvenut kien ordnat ihallas *kull spiza medika li jinkorru t-tfal tal-kontendenti* (ara fol 9) u t-tieni ordni kienet dik tat-23 ta` Awissu 2005 (ara fol 16) fejn kien

dikjarat li l-konvenut kellu jhallas nofs l-*ispejjez edukattivi* tal-ulied, separatament mill-manteniment taghhom u ta` martu.

In linea generali, din il-Qorti tosserva, meta tqis l-assjem tal-provi li tressqu, li miz-zewg kwistjonijiet l-aktar li sar enfasi dwarha mill-partijiet kien dwar l-ispejjez edukattivi, u marginalment dwar l-ispejjez medici. Infatti anke fis-sottomissjonijiet finali, id-difensuri tal-partijiet ma ghamlux l-icken accenn ghall-kwistjoni tal-ispejjez medici. Rilevat dan, din il-Qorti sejra tghaddi sabiex tghid fejn wasslu l-provi akkwiziti dwar iz-zewg kwistjonijiet. U sejra tqishom wahda wara l-ohra skond id-data ta` kull ordni.

Ghalhekk sejra tikkunsidra l-ispejjez medici l-ewwel.

L-ordni tal-Qorti kienet cara u bla riservi.

Id-difiza principali tal-konvenut kienet illi huwa *di professione* tabib tal-familja u kien imexxi anke spizerija u ghalhekk ippretenda li fejn si tratta ta` kura tat-tfal martu kellha tirrikorri ghall-prestazzjonijiet tieghu u in kwantu ghall-medicini kellha tirrikorri ghandu ghaliex seta` jottjenihom bla hlas. Inoltre ippretenda li ghal certa medicini l-pretensjonijiet tal-mara ghal rimbors ta` spejjez kellu jkun kopert minn ricetta medika. Din il-Qorti tghid li l-konvenut m`ghandux ragun. L-ordni ma ghandha l-ebda vinkolu jew limitazzjoni purche` l-ispejjez involuti jkunu jirrigwardaw il-kura tat-tfal. Ghalhekk, dment li l-ordni tibqa` dik li hi, il-konvenut m`ghandu l-ebda jedd jaghti l-interpretazzjoni tieghu ta` kif ghandha titwettaq.

Difiza ohra tal-konvenut kienet il-kontestazzjoni tieghu li certa medicini ma ntefqux ghall-bzonn tat-tfal.

Din il-Qorti diga` qalet li z-zmien rilevanti ghall-fini ta` din il-procedura huwa dak ta` bejn il-11 ta` Lulju 2005 u d-9 ta` Dicembru 2005. Min-nota ta` Sharon Tonna a fol 20, jirrizulta li ghal dan il-perijodu hija qeghda titlob spejjez li ntefqu fix-xhur ta` Lulju, Awissu, Settembru u Ottubru 2005. Meta xehed il-konvenut, huwa ressaq bhala prova kopja ta` ricevuti (fol 100 u 101) li baghtet martu ghal rimbors u fejn, skond hu, kien hemm inkluzi medicini li ma kienux ghall-kura tat-tfal. Din il-Qorti fliet wahda wahda t-tmien ricevuti li ressaq il-konvenut u ssib li l-ebda wahda ma hija rilevanti ghall-perijodu in kwistjoni. Ghal din il-Qorti, dan ifisser li Sharon Tonna mhijiex kontradetta mill-konvenut li r-rimbors li rreklamat ghax-xhur in kwistjoni ntefqu ghall-bzonnijiet medici tat-tfal.

Ladarba rrizulta li l-konvenut baqa` ma hallasx <u>anke sal-lum</u> dawk l-ispejjez huwa kiser l-ordni tal-Qorti u rrenda ruhu hati ta` disprezz lejn l-awtorita` taghha.

Din il-Qorti issa sejra tqis il-kwistjoni tal-hlas tal-ispejjez edukattivi tat-tfal fil-perijodu ta` bejn it-23 ta` Awissu 2005 u d-9 ta` Dicembru 2005.

Tibda biex tghid li hawn il-kwistjoni ma tirrigwarda l-ispejjez tat-trasport tat-tfal lejn l-iskola u lura. L-ordni tal-Qorti in kwistjoni kienet tirrigwarda l-mizati tat-tfal. Dan jirrizulta mill-provi anke jekk qalb titubanzi inutili. L-ispejjez tat-trasport kienu a kariku ta’ Sharon Tonna.

Dak li certament irrizulta mill-provi huwa li sad-data tal-presentata tar-rikors ta` Sharon Tonna, il-konvenut ma kienx hallas sehmu mill-mizati tat-tfal bejn it-23 ta` Awissu 2005 u dakinhar. Il-konvenut jaccetta li hekk hu kemm fl-ezami kif ukoll fil-kontroezami. Jispjega li fl-20 ta` April 2006 huwa hallas Lm 2000 minnhom wara li sarraf polza ta` assikurazzjoni. U l-bqija thallsu wara li nbieghu xi assi ohra. Li certament jirrizulta huwa li sas-<u>26 ta` Mejju 2006</u> il-mizati tal-iskola tat-tfal kienu thallsu kollha. Li allura

jfisser li meta fit-2 ta` Awissu 2006 l-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) pprovdiet dwar ir-rikors ta` Sharon Tonna tad-9 ta` Dicembru 2005 il-pendenzi tal-mizati tat-tfal kienu lahqu thallsu. U llum nafu li l-mizati qeghdin jithallsu regolarment u minghajr problemi (ara x-xhieda ta` Sandro Galea).

Mela ghalkemm jirrizulta li kien hemm ksur tal-ordni da parti tal-konvenut, din il-Qorti sejra taghti konsiderazzjoni ghall-fatt li s-sitwazzjoni giet regolarizzata.

Din il-Qorti accertat li bil-ksur da parti tieghu taz-zewg ordnijiet fuq riferiti, il-konvenut irrenda ruhu hati ta` disprezz lejn l-awtorita` tal-Qorti u ghalhekk ghandha tigi nflitta fuqu l-piena fil-parametri stabbiliti mill-Art.997(1) tal-Kap.12.

Din il-Qorti tghid li fil-piena li sejra tinfliggi fuq il-konvenut hija sejra taghti konsiderazzjoni ghall-fatti u cirkostanzi kollha tal-kaz. In partikolari sejra tqis illi l-konvenut ma kisirx iz-zewg ordnijiet tal-Qorti. Sejra tqis li ghalkemm irnexxielu jirregolarizza ruhu ma` ordni minnhom, baqa` nadempjenti fil-kaz ta` l-ordni ohra. Fuq kollox sejra tqis li z-zewg ordnijiet kellhom *a common denominator* u cioe` l-ulied tal-konjugi Tonna.

In linea ta` principju, din il-Qorti tghid li ghaliha mhuwiex assolutament accettabbli li konjugi li jghaddu mit-tempesta tas-separazzjoni gudizzjarja, bhall-konjugi Tonna, iwebbsu rashom u jghaddu lill-uliedhom mill-konsegwenzi tat-trawma tas-separazzjoni taghhom, specjalment meta l-ulied ikunu fragli kemm ghaliex ikunu ta` eta` zghira kemm ghaliex il-konflitt jibda jaqa` ghall-baxx. Ghal din il-Qorti mhuwiex accettabbli li l-genituri minflok ifittxu l-ahjar interess ta` uliedhom jittrasformawhom *into a bone of contention.*

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza hekk -**

**1) Tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut.**

**2) Tilqa' l-ewwel talba u ssib il-konvenut hati ta` disprezz lejn l-Awtorita` Taghha.**

**3) Tilqa` t-tieni talba u, b`applikazzjoni tal-Art.997(1) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas multa komplessiva ta` elf u tliet mitt Ewro (€1300) fi zmien sittin (60) gurnata mil-lum, konvertibbli f'detenzjoni kif jipprovdi l-Artikolu 1002 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**5) Tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas l-ispejjes kollha ta` din il-kawza.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------